

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1708

tas-7 ta' Ottubru 2019

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni li testendi deroga tad-WTO li tippermetti lill-Istati Uniti jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali skont l-Att tal-Istati Uniti dwar l-Irkupru Ekonomiku tal-Baċir tal-Karibew (CBERA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Marrakesh li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.
- (2) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu II tal-Ftehim tad-WTO jstipula li l-ftehimiet u l-istrumenti legali assoċjati inklużi fl-Annessi 1, 2 u 3 għall-Ftehim tad-WTO ("Ftehimiet Kummerċjali Multilaterali") huma partijiet integrali tal-Ftehim tad-WTO u huma vinkolanti fuq il-Membri kollha.
- (3) Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu IX, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Konferenza Ministerjali tista' tiddeċiedi li tagħti deroga minn obbligu impost fuq Membru mill-Ftehim tad-WTO jew minn kwalunkwe Ftehim Kummerċjali Multilaterali.
- (4) Il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO jstabbilixxu l-proċeduri għall-għoti ta' derogi li jikkonċernaw il-Ftehimiet Kummerċjali Multilaterali fl-Anness 1 A, 1B jew 1C tal-Ftehim tad-WTO u l-annessi tagħhom.
- (5) Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, il-Konferenza Ministerjali għandha l-awtorità li tiegħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha koperti minn kwalunkwe Ftehim Kummerċjali Multilaterali.
- (6) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, fl-intervalli bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-"WTO"), il-Kunsill Ġenerali tad-WTO jwettaq il-funzjonijiet tagħha.
- (7) Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, id-WTO normalment tiegħu d-deċiżjonijiet b'konsensus.
- (8) L-Istati Uniti ngħataw deroga mill-obbligi taħt il-paragrafu 1 tal-Artikolu I tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 ("GATT tal-1994") fil-15 ta' Frar 1985, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 1984 sat-30 ta' Settembru 1995. Fil-15 ta' Novembru 1995, il-Membri gēddew id-deroga sat-30 ta' Settembru 2005 u gēddewha għal darba oħra fid-29 ta' Mejju 2009 sal-31 ta' Diċembru 2014. Fil-5 ta' Mejju 2015, il-Membri estendew id-deroga fir-rigward tal-paragrafu 1 tal-Artikolu I tal-GATT 1994 sal-31 ta' Diċembru 2019, u espandew id-deroga biex tkopri l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu XIII tal-GATT 1994 sa fejn meħtiegħ biex l-Istati Uniti jipprovdu trattament mingħajr dazju għall-importazzjonijiet ta' prodotti eliġibbli li joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji li jkunu definiti bħala tali skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Irkupru Ekonomiku tal-Baċir tal-Karibew ("CBERA").

- (9) Skont il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, l-Istati Uniti ppreżentaw talba lill-Kunsill Ġenerali biex jieħu deċiżjoni li jestendi d-deroga eżistenti tad-WTO biex jippermetti lill-Istati Uniti jipprovdu trattament mingħajr dazju lill-prodotti eliġibbli li joriġinaw minn pajjiżi u territorji tal-Amerka Ċentrali u tal-Karibew skont is-CBERA mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Settembru 2025.
- (10) L-Istati Uniti jiġġustifikaw it-talba minħabba l-prevalenza għolja ta' faqar u l-instabbiltà fil-pajjiżi tal-Baċir tal-Karibew, b'mod partikolari f'Haiti. Il-benefiċċji skont is-CBERA huma maħsuba biex jespandu l-opportunitajiet ekonomiċi u jikkontribwixxu għal reġjun aktar stabbli u prosperu.
- (11) L-estensjoni tad-deroga la ser taffettwa negattivament l-ekonomija tal-Unjoni u lanqas ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni mal-benefiċjarji tad-deroga. Barra minn hekk, l-Unjoni tappoġġa azzjonijiet kontra l-faqar u favur l-instabbiltà.
- (12) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali biex tappoġġa t-talba tal-Istati Uniti li tiġi estiża d-deroga skont l-Artikolu 218(9) TFUE, peress li l-estensjoni tad-deroga ser tkun vinkolanti fuq il-Membri tad-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għandha tkun li tappoġġa l-estensjoni tad-deroga tad-WTO li tippermetti lill-Istati Uniti jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali għall-prodotti eliġibbli li joriġinaw minn pajjiżi u territorji tal-Amerka Ċentrali u tal-Karibew skont l-Att dwar l-Irkupru Ekonomiku tal-Baċir tal-Karibew mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Settembru 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-7 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
A.-M. HENRIKSSON